MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**

**NATASHA GALEA SCIBERRAS**

Seduta ta' l-1 ta' April, 2014

Numru. 213/2009

Il-**Pulizija**

**AC Norbert Ciappara**

**vs**

**Christian Attard**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat Christian Attard ta’ 20 sena, iben Raymond u Maria Dolores nee` Galea, imwieled fil-Pieta` nhar l-14 ta’ Ottubru 1987, residenti gewwa 48, Triq San Frangisk, Floriana u detentur tal-karta tal-identita` numru 468587(M):

Akkuzat talli f’dawn il-Gzejjer, u cioe` fit-28 ta’ Settembru 2008:

a) Kellu fil-pussess tieghu d-droga kokajina, specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap. 101 tal-Ligijiet ta’ Malta meta ma kienx fil-pussess ta’ awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort’ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b’xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta’ Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta, liema droga nstabet f’tali cirkostanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu.

Rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti, inkluz l-ordni ta’ l-Avukat Generali bis-sahha tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101), sabiex din il-kawza tinstema’ minn din il-Qorti bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali;

Rat illi fis-seduta tal-5 ta’ Gunju 2013, il-partijiet iddikjaraw illi kienu qed jezentaw lill-Qorti, kif presjeduta, milli terga’ tisma’ l-provi mressqa fil-kawza sa dakinhar, quddiem il-Qorti, kif diversament presjeduta.

Semghet it-trattazzjoni finali tal-partijiet.

**Ikkunsidrat:**

**Kunsiderazzjonijiet Dwar Htija**

Fit-trattazzjoni finali taghha, id-difiza sostniet illi fuq skorta tas-sentenza fl-ismijiet **Charles Steven Muscat vs Avukat Generali**, deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fit-12 ta’ Ottubru 2012, u in vista tal-eta` tal-imputat fiz-zmien li ttiehdet l-istqarrija tieghu, kif ukoll tal-fatt illi l-imputat ma kienx familjari ma’ ambjent ta’ interrogatorju qabel dakinhar, l-istqarrija tal-istess imputat ghandha tigi skartata.

Il-Qorti tqis illi m’ghandhiex ghalfejn tidhol f’din il-kwistjoni tal-ammissibilita` o meno tal-istqarrija rilaxxjata mill-imputat u dan ghaliex kemm jekk din il-Qorti tikkunsidra l-istqarrija, kif ukoll jekk tiskartaha, m’ghandhiex triq ohra hlief illi tasal ghall-istess konkluzjoni u cioe` illi l-Prosekuzzjoni ma rnexxilhiex tipprova l-imputazzjoni ta’ pussess aggravat fil-konfront tal-imputat sal-grad rikjest mil-ligi.

Fis-seduta tat-23 ta’ Jannar 2013, ix-xhud **PC 1013 Raymond Debono**[1] qal illi fit-28 ta’ Settembru 2008, waqt xi avveniment muzikali li sar gewwa l-Furjana, hu u l-kollega tieghu ghamlu tfittxija fuq l-imputat, waqt liema tfittxija waqa’ pakkett mill-qalziet ta’ taht tieghu. Jirrizulta car kemm mix-xhieda tas-**Supretendent Norbert Ciappara**[2], kif ukoll mill-istqarrija rilaxxjata mill-**imputat**[3], illi l-unika raguni ghaliex l-imputat gie akkuzat bil-pussess aggravat tad-droga kokaina kien ghaliex lill-Ispettur Ciappara huwa qallu illi d-droga ma kinitx tieghu u ma kinitx ghalih, u fl-istqarrija tieghu, ghalkemm huwa qal illi l-qartas misjub fuqu kien tieghu, qal ukoll illi huwa ma kienx jabbuza mid-droga kokaina u li qatt ma abbuza minnha. Qal ukoll illi ma jafx x’kienet qed taghmel ghandu din id-droga. Fl-istess waqt, l-imputat innega illi huwa kellu intenzjoni

[1] A fol. 23 u 24 tal-process.
[2] A fol. 10 sa 12 tal-process.
[3] A fol. 13 tal-process.

li jbiegh il-qartas li nstab ghandu. M'hemm assolutament l-ebda prova ohra, apparti dak li inghad mill-imputat, li a bazi taghha jista' jinghad illi l-pussess tad-droga kokaina da parti tieghu, kien wiehed aggravat. Madankollu, anke jekk wiehed ihares lejn din l-istqarrija ma jistax jasal ghal din il-konkluzjoni. Fil-fehma tal-Qorti l-imputat kien qed jipprova jiskolpa ruhu minn kull htija, u dan anke fir-rigward tal-pussess semplici tad-droga, bir-rizultat illi inkonxjament, izjed spicca tefa' l-gebla fuq saqajh meta stqarr illi d-droga ma kinitx tieghu u li ma kinitx intiza ghalih u li huwa qatt ma abbuza mill-kokaina. F'dawn ic-cirkostanzi, u fin-nuqqas ta' kwalsiasi prova ohra li turi li d-droga kokaina misjuba fil-pussess tal-imputat ma kinitx intiza ghall-uzu esklussiv tieghu, tenut kont ukoll illi nstab biss qartas wiehed fil-pussess tal-imputat, il-Qorti tqis illi l-Prosekuzzjoni ma rnexxilhiex tipprova din l-imputazzjoni sal-grad rikjest mil-ligi.

Illi madankollu, stante illi mix-xhieda prodotta mill-Prosekuzzjoni, jirrizulta illi d-droga instabet fuq il-persuna tal-imputat, u li fil-fatt din kienet mohbija fil-qalziet ta' taht tieghu, u la darba d-difiza ddikjarat illi mhijiex qeghda tikkontesta illi s-sustanza misjuba u li giet esebita in atti, kienet fil-fatt droga kokaina, il-Qorti hija sodisfatta, illi gie ppruvat sal-grad rikjest mil-ligi, illi l-imputat huwa hati tar-reat ta' pussess semplici tal-istess droga kokaina, liema reat jista' jitqies li huwa kompriz u nvolut fir-reat mertu tal-imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-istess imputat.

**<u>Kunsiderazzjonijiet Dwar Piena</u>**

Ghal fini ta' piena, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni, l-fedina penali tal-imputat li fiz-zmien li fih sehh ir-reat odjern, kienet wahda netta u l-fatt illi nstab qartas wiehed fil-pussess tal-istess imputat.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat it-Taqsimiet IV u VI, l-Artikoli 22(1)(a) u 22(2)(b)(i) u (ii) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, kif ukoll ir-Regolamenti 4 u 9 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 101.02, qed issib lill-imputat **mhux hati** tal-imputazzjoni kif dedotta fil-konfront tieghu u qed tilliberah minnha, b'dan illi qed issibu **hati** ta' pussess illegali (semplici) tad-droga kokaina, izda fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet fuq maghmula u bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta, qed tilliberah bil-kundizzjoni li ma jikkommettix reat iehor fi zmien sena mil-lum.

Il-Qorti wissiet lill-hati, bi kliem semplici, il-konsegwenzi skond il-ligi, jekk huwa jikkommetti reat iehor waqt dan il-perjodu ta' liberazzjoni kundizzjonata.

Il-Qorti tordna d-distruzzjoni tad-droga, Dokument NC1, hekk kif din is-sentenza tghaddi in gudikat, u dan taht il-harsien tar-Registratur li ghandu jirredigi *process-verbal* li jiddokumenta l-procedura tad-distruzzjoni, liema dokument ghandu jigi nserit fl-atti ta' din il-kawza mhux aktar tard minn hmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------